SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBATAX (KONTINWAZZJONI)**

**1 ta’ Novembru, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, u Neville Mallia.

**APOLOĠIJI** (Skont Ord Perm 14(3))

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis minħabba mard.
Il-Kunsillier Rita Saliba minħabba safar.
Il-Kunsillier Mikhail Micallef minħabba mard.
Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kappara Dr Frank Bartolo avża li ġej tard minħabba xogħol.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Il-Viċi Sindku David Dalli ippresjeda.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru ħamsa tal-aġenda.

**14.5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

14.5.1 Kien iċċarat illi fil-laqgħa preċedenti kien diskuss kont tal-Korporazzjoni Enemalta u li bi żvista ma kienx iċċarat li l-Kunsill ma jaqbilx mal-ħlas tiegħu.

14.5.2 Wara li l-Kunsill kien infurmat bil-progress li sar dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fl-Iskema *LifeLong Learning*, fejn kien unanimament deċiż illi l-Kunsill ma jidħol fl-ebda spiża finanzjarja, anke telefonati jew fotokopji li jridu jsiru għal dawn il-korsijiet.

14.5.3 Saret diskussjoni dwar il-proposti għall-attivitajiet tal-Milied, fejn kien deċiż illi se jsiru dawn l-attivitajiet:

14.5.4 Fl-20 ta' Novembru, il-maratona tax-xagħar b'risq il-*Malta Community Chest Fund*;

14.5.5 Fit-18 ta' Diċembru, attivita' mid-9am sad-9pm, f'Misraħ Lourdes fis-sehem ta' kantanti stabbiliti u oħrajn lokali kif ukoll tinda li fiha jkun hemm diversi oġġetti għal bejgħ u l-qliegħ minnhom ikun kollu mgħoddi lil *Malta Community Chest Fund* permezz tal-programm "L-Istrina";

14.5.6 Fl-istess ġurnata, *Carol singing* f'diversi toroq ta' San Ġwann;

14.5.7 Issir siġra tal-Milied magħmula minn fliexken tal-plastik użati u li jkollha dwal dekorattivi magħha, bil-kollaborazzjoni tat-tfal tal-Iskejjel Primarji;

14.5.8 Id-dwal tal-Milied kien se jsir f'diversi pjazzez, primarjament f'Misraħ Lourdes iżda kellha ssir mawra sabiex jiġi evalwat fejn dan seta' jsir;

14.5.9 Kompetizzjonijiet għall-aħjar kejk, siġra u presepju;

14.5.10 Il-Kunsillier Neville Mallia ħareġ mil-laqgħa. (6.30pm)

14.5.11 L-ikla tal-Milied għal Membri tal-Kunsill u l-Istaff skont it-termini ta' memo 122/2010;

14.5.12 Il-Kunsillier Neville Mallia daħal għal-laqgħa. (6.35pm)

14.5.13 Il-kunċert tal-Ewwel tas-Sena jsir fis-7 ta' Jannar, 2011 fl-Iskola Primarja, fejn wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan ikun miftuħ għal Ġwanniżi kollha mingħajr invit, għajr għal dawk relatati ma' mistiedna distinti, u li ma jsirx riċeviment wara l-kunċert; u

14.5.14 Riċeviment għal membri distinti fil-lokalita' u mistiedna oħra tal-Kunsill.

14.5.15 Il-Kunsill approva wkoll l-ispejjeż relatati ma' xiri ta' trofew u settijiet tad-dwal għas-siġra tal-Milied.

14.5.16 Il-Kunsill approva x-xiri ta' *lapel badges* tad-deheb għal Kunsilliera l-ġodda mingħand *Fenech Jewellers*.

14.5.17 Il-Kunsillier Violet Bajada ħalliet il-laqgħa f'dan l-istadju. (7.00pm)

14.5.18 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li jiġi sospiż issa *item* numru ħamsa tal-aġenda biex jiġi diskuss *item* numru wieħed.

**14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti ta' laqgħa numru 12 tat-12 ta' Lulju, 2010.

14.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.3 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 12.10.12 jitneħħew il-kliem "Rita Saliba"."

14.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.5 Emenda mressqa mill-Kunsiller Marica Bayliss:

14.1.6 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.10.2 fi tmiem il-paragrafu jidħlu l-kliem “wara l-pressjoni li għamel il-Kunsillier Neville Mallia biex nirregolaw ruħna”.”

14.1.7 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

14.1.8 Emenda mressqa miIl-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.9 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.10.3 jitneħħew il-kliem “fejn is-Segretarju Eżekuttiv ... kollha”.”

14.1.10 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

14.1.11 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

14.1.12 *“Il-Kunsill japprova l-minuti ta’ seduta numru 12 tat-12 ta’ Lulju, 2010 kif emendati.”*

14.1.13 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament.

14.1.14 Il-Kunsilll kien mitlub jikkunsidra l-minuti tas-seduta numru 12 kontinwazzjoni tad-19 ta’ Lulju, 2010.

14.1.15 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.16 “Fi tmiem il-minuta 12.2.9 jidħlu l-kliem “Il-Viċi Sindku talab lil Kunsillier Marica Bayliss tagħmel dan”.”

14.1.17 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

14.1.18 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.19 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.2.13 il-kelma “tiegħu” tiġi sostitwita bil-kliem “tal-Kunsill”.”

14.1.20 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

14.1.21 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.22 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.8.3 il-kelma “lil” tiġi mibdula bil-kelma “min”.”

14.1.23 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

14.1.24 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

14.1.25 “Fi tmiem minuta 12.2.11 jidħlu l-kliem “fuq proposta tal-Kunsillier Joan Farrugia issekondata mill-Viċi Sindku”.”

14.1.26 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.27 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

14.1.28 *“Il-Kunsill japprova l-minuti ta’ seduta numru 12(Kontinwazzjoni) tad-19 ta’ Lulju, 2010 kif emendati.”*

14.1.29 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.30 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti ta’ laqgħa numru 12, kontinwazzjoni numru tnejn tat-22 ta’ Lulju, 2010.

14.1.31 Emenda mressqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

14.1.32 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.13 minflok il-kliem “Triq is-Santwarju” jidħlu l-kliem “Triq Ta’ Gawdieri”.”

14.1.33 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

14.1.34 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.35 “Il-Kunsill jaqbel li minflok il-kliem “*Transport Malta*” jidħlu l-kliem “Kumitat Amministrattiv Kappara”.”

14.1.36 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.37 Il-Viċi Sindku ssospenda l-laqgħa għal ħames minuti. (7.35pm)

14.1.38 Il-laqgħa tkompliet fit-7.40pm.

14.1.39 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss :

14.1.40 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.22 minflok il-kliem “ittri lir-residenti” jidħlu l-kliem “posters mal-*poles*”.”

14.1.41 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

14.1.42 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.43 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 19.2.23 l-kelma “Lourdes” tiġi mibdula bil-kelma “Lewża”.”

14.1.44 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

14.1.45 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.46 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.25 tiżdied “Triq il-Fuxa” mal-lista tat-toroq imsemmija.”

14.1.47 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

14.1.48 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.49 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.24 bejn il-kliem “minn” u “residenti” tidħol il-kelma “ftit”.”

14.1.50 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

14.1.51 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.52 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.26 il-kelma “trinka” tiġi sostitwita bil-kelma “trinek”.”

14.1.53 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.54 Emenda mressqa mill-Viċi Sindku:

14.1.55 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 12.9.28 jitneħħew il-kliem “Triq in-Naxxar” u minflok jidħlu l-kliem “Vjal ir-Rihan”.”

14.1.56 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

14.1.57 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

14.1.58 *"Il-Kunsill japprova l-minuti ta' seduta numru 12, kontinwazzjoni numru tnejn tat-22 ta' Lulju, 2010, kif emendati."*

14.1.59 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament.

14.1.60 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti ta' laqgħa numru 13 li nżammet fit-3 ta' Awissu, 2010.

14.1.61 Kien hemm qbil li l-paragrafi jiġu nnumerati.

14.1.62 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss fuq ir-*ruling* tas-Sindku u l-Viċi Sindku:

14.1.63 "Il-Kunsill jaqbel li fir-*ruling* tas-Sindku u l-Viċi Sindku il-kelma "rendikont" titbiddel bil-kelma "investigazzjoni"."

14.1.64 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.65 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia fuq ir-*ruling* tas-Sindku u l-Viċi Sindku:

14.1.66 "Il-Kunsill jaqbel li bejn il-kliem "dwar" u "fl-operat kollu" jidħlu l-kliem "qlajjiet tal-"."

14.1.67 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.68 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.69 "Il-Kunsill jaqbel li wara r-*ruling* tas-Sindku u l-Viċi Sindku jidħol paragrafu ġdid li jgħid: "Il-Kunsillier Neville Mallia ma qabilx mal-kelma qlajjiet u ġiet irtirata mis-Sindku u l-Viċi Sindku u minflokha ddaħħlet il-kelma "allegazzjoni"."

14.1.70 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsllier Marica Bayliss u approvata b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.71 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.72 "Il-Kunsill jaqbel li fil-paragrafu enumerat H il-kelma "ilmenti" tiġi sostitiwta bil-kelma "deċiżjonijiet"."

14.1.73 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.74 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.75 "Il-Kunsill jaqbel li fil-paragrafu enumerat L jidħol il-kliem: "Il-Kunsillier Neville Mallia qal li ma kienx korrett għax kien *file* sħiħ b'kontijiet mgħoddija mill-Kunsill u mhux imħallsa"."

14.1.76 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.77 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

14.1.78 "Il-Kunsill jaqbel li fi tmiem il-paragrafu enumerat M jidħol dan il-kliem: "Il-Kunsillier Marica Bayliss riedet tkun taf jekk il-Kunsill jistax jgħaddi kontijiet u ma jħallashomx. Il-Viċi Sindku wieġeb li biex il-Kunsill jagħmel xogħlijiet irid ikollu l-fondi għalihom. Min-naħa l-oħra, argumentat li qed ngħidu li qed naqtgħu d-dejn u ma nħallsux kontijiet ġodda. Dan barra li hemm kontijiet mhux imniżżlin fl-iskeda ta' pagamenti"."

14.1.79 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.80 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

14.1.81 *"Il-Kunsill japprova l-minuti ta' seduta numru 13 tat-3 ta' Awissu, 2010, kif emendati."*

14.1.82 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata b'erba' voti favur u astenzjoni.

14.1.83 Il-Viċi Sindku aġġorna l-laqgħa f'dan l-istadju, fejn kien hemm qbil li l-aġġornament isir f'ġurnata mħabbra mis-Sindku.

Konfermati, illum **6 Diċembru, 2010**

________________________ ________________________

Etienne Bonello DuPius — Sindku

Adrian Mifsud — Segretarju Eżekuttiv